MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## LAURENCE QUINTANO

Seduta tat-22 ta' Marzu, 2006

Numru. 709/2005

**Pulizija**
**Sp Dennis Theuma**
**vs**
**Raymond Azzopardi**

**Il-Qorti rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Raymond Azzopardi ta' 49 sena iben Salvu u Stella nee Debattista, mwieled Pieta fid-29 ta' Ottubru 1955 residenti Galea Flats Flat 5 Trioq Tommaso Dingli /o Birkirkara jew 16 Sqaq l-Gharar B'Kara ID741455(M)**

**Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fis-7 ta' Novembru 2000 u fiz-zmien ta' qabel b'diversi azzjonijiet maghmula minnu anke jekk fi zminijiet differenti izda li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi u li kienu maghmulin b'rizoluzzjoni wahda, bhala detentur ta' fond Galea Flats Flat 5 Triq Tommaso Dingli l/o Birkirkara jew bhala persuna li kellu f'idejh l-imsemmi fond, b'mezzi qarrieqa kkommetta serq ta' kurrent elettriku minn meter tad-dawl li jinsab fl-imsemmi fond ghad-dannu**

**tac-Chairman tal-Korporazzjoni Enemalta, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-hin u bil-valur li huwa iktar minn LM100 izda ma jeccedix Lm1,000 u dan kollu bi ksur tal-artikoli 263(a), 264, 267 u 270 rispettivament tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Akkuzat ukoll talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi ghamel hsara fil-makkinarju u gumni ta' l-elettriku jew kkaguna telf ta' l-elettriku u fl-ahhar talli ghamel hsara jew gharraq xi apparat jew parti mill-meter ta' l-elettriku jew sigilli tieghu jew xi parti minn xi apparat jew gumni uzati fil-provvista ta' l-elettriku jew sigilli taghhom u dan kollu bi ksur ta' l-artikolu 326(1)( c) u (f) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Rat l-atti kollha tal-process. Rat l-ammissjoni ta' l-imputat fi stadju bikri u ghal daqstant dawn iz-zewg imputazzjonijiet gew ppruvati skond il-ligi.**

**Il-Qorti wara li rat l-Artikoli 263(a), 264, 267 u 270 kif ukoll 326(1)(c) u (f) tal-Kap 9 ssib lill-imputat hati taz-zewg imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu. Dwar il-piena, il-Qorti qed tara li saret ammissjoni mill-ewwel kif ukoll li l-imputat hallas kollox u li l-ammont kien wiehed relattivament limitat. Ghal hekk il-Qorti flok tikkundanna lill-imputat, qed tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmel ebda reat iehor fi zmien sena mil-lum. Il-Qorti spejgat lill-imputat x'inhuma l-implikazzjonijiet jekk jikser din il-kundizzjoni matul din is-sena.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------